A.L. 37 ta' l-1996

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

Regolamenti ta' l-1996 għall-Kors tad-Diploma in Education (Children with Special Needs) – Dip. Ed.

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikoli 30(5) u 31(6) ta' l-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier ta' l-Università ta' Malta ippromulga dawn ir-regolamenti magħmula mis-Senat ta' l-Università ta' Malta bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikoli 31 u 35 ta' dak l-Att:

Titolu u interpretazzjoni

1. (1) Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu r-Regolamenti ta' l-1996 għall-Kors tad-*Diploma in Education (Children with Special Needs)* – Dip. Ed.

(2) F'dawn ir-regolamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra —

"id-Diploma" tfisser id-*Diploma in Education (Children with Special Needs)* – Dip. Ed.;

"il-Kors" ifisser il-Kors li jwassal għad-Diploma.

Applikabilità

2. Dawn ir-regolamenti japplikaw għall-kors mibdi fis-sena akkademika 1994/95.

Eliġibilità

3. Biex kandidati jkunu eliġibbli għall-għoti tad-Diploma għandhom ikunu:

(a) ġew irreġistrati bħala studenti regolari;

(b) temmew il-kors ta' l-istudji, għaddew l-Eżami Finali, u ssodisfaw ir-rekwiżiti l-oħra kollha preskritti f'dawn ir-regolamenti; u

(ċ) issodisfaw ir-rekwiżiti l-oħra kollha preskritti fi statuti u regolamenti oħra kollha rilevanti ta' l-Università.

Reġistrazzjoni

4. Il-kandidati jistgħu jiġu reġistrati fil-Fakultà ta' l-Edukazzjoni għall-kors ta' studji li jwassal għad-Diploma jew għal Ċertifikat fl-Edukazzjoni tat-Tfal bi Bżonnijiet Speċjali, skond id-dispożizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti, jekk ikollhom kwalifika fit-tagħlim rikonoxxuta mill-Bord tal-Fakultà u mill-inqas sena esperjenza fit-tagħlim.

Il-Programm tal-Kors

5. (1) Il-kors ta' l-istudji li jwassal għad-Diploma għandu jinfirex fuq żmien ta' sentejn studju *part-time*.

(2) Kandidat m'għandux jagħmel l-Eżami Finali iktar kmieni minn sentejn jew iktar tard minn erba' snin mill-ewwel reġistrazzjoni ħlief f'ċirkostanzi speċjali bl-approvazzjoni tas-Senat.

(3) Il-Kors għandu jikkonsisti f'taqsimiet studju li għalihom għandhom jiġu mogħtija mhux inqas minn tletin kredtu.

(4) Il-Kors għandu jkun organizzat f'żewġ Partijiet, jiġifieri l-Ewwel Parti u t-Tieni Parti, u kull parti tkun mifruxa fuq żmien ta' sena skond il-kalendarju studju *part-time*.

(5) L-Ewwel Parti għandha tittieħed fl-ewwel sena skond il-kalendarju tal-Kors.

(6) L-Ewwel Parti għandha tikkonsisti f'taqsimiet studju li għalihom għandhom jingħataw mhux inqas minn ħmistax-il kredtu, fil-Moduli li ġejjin:

Modulu A: Diżabilità u l-kontesti tagħha
Modulu B: Provvedimenti ta' kurrikulu u bżonnijiet speċjali
Modulu C: Strateġiji għall-provvedimenti ta' individwalizazzjoni
Modulu D: Promozzjoni ta' *support networks*
Modulu E: Metodu ta' riċerka
Modulu F: Prattiku.

(7) Katalgu ta' taqsimiet studju f'kull Modulu flimkien mal-kredti li jingħataw għal kull wieħed, għandu jiġi ppubblikat qabel il-bidu ta' kull Kors.

(8) Il-kandidati li jirnexxielhom itemmu b'suċċess l-Ewwel Parti tal-kors għandhom jingħataw grad globali A, B, Ċ jew D li jibdew bl-ogħla grad u jispiċċaw bl-inqas wieħed.

(9) Il-kandidati li jagħżlu li ma jkomplux għat-Tieni Parti tal-Kors, għandhom jingħataw Ċertifikat li temmew l-Ewwel Parti jekk ikunu temmew b'suċċess it-taqsimiet kollha obbligatorji għall-Ewwel Sena skond il-kalendarju u kisbu minimu ta' erbatax-il kredtu.

(10) It-Tieni Parti tal-Kors għandha tikkonsisti f'taqsimiet studju li għalihom għandhom jiġu moghtija mhux inqas minn ħmistax-il kredtu, fl-istess Moduli bħal fl-Ewwel Parti, iżda applikati għall-forma partikolari tal-provvediment ta' edukazzjoni speċjali jew inklużiva.

(11) Il-Bord tal-Fakultà għandu joffri oqsma speċjalizzati li jistgħu jintagħżlu fit-Tieni Parti li għandhom jiġu ppubblikati qabel il-bidu tat-Tieni Parti tal-Kors.

(12) Il-kandidati li bi ħsiebhom isegwu studji f'qasam partikolari ta' speċjalizazzjoni li mhux offrut f'sena partikolari, jistgħu jinterrompu l-Kors wara l-Ewwel Parti u jerġgħu jidħlu fit-Tieni Parti tal-Kors meta l-għażla rilevanti hija offruta.

(13) Il-kandidati jistgħu jirreġistraw għat-Tieni Parti tal-Kors jekk jirnexxielhom itemmu l-Ewwel Parti b'minimu ta' grad globali B jew aħjar.

(14) Il-Bord tal-Fakultà jista' jħalli kandidati oħra jirreġistraw għat-Tieni Parti tal-Kors jekk huma jkunu kisbu minn din l-Università jew oħra kwalifika ekwivalenti għall-Ewwel Parti tal-Kors b'minimu ta' Grad B jew aħjar, iżda l-Bord jista' jeħtieġ li dawn il-kandidati itemmu b'suċċess taqsimiet studju partikolari mill-Ewwel Parti.

(15) Biex ikunu jistgħu jingħataw id-Diploma l-kandidati għandhom jiksbu minimu ta' erbatax-il kredtu fit-Tieni Parti tal-Kors.

(16) Il-Bord tal-Fakultà bil-parir tal-Bord ta' l-Istudji, jista' jistabilixxi liema taqsimiet studju kandidat għandu jieħu biex itemm il-Parti rilevanti tal-Kors.

Valutazzjoni

6. (1) Il-kredti għandhom jiġu valutati skond il-gradi li ġejjin li jibdew mill-ogħla mertu u jaslu sa l-inqas: A, B, C, D u F, fejn F tindika li kandidat ikun weħel.

(2) Il-kandidati li jeħlu f'xi taqsima studju għandhom jitħallew jagħmlu riparatorju f'dik it-taqsima studju, darba biss. Il-kredti miksuba fir-riparatorju għandhom jkollhom il-grad minimu ta' min jgħaddi jekk il-kandidat ikun għadda.

Eżamijiet

7. (1) Il-kandidati li kisbu n-numru minimu ta' kredti għall-Ewwel Parti kif preskritt fir-regolament 5 għandhom jagħmlu Eżami fl-Ewwel Parti tal-Kors.

(2) L-Eżami għall-Ewwel Parti għandu jsir fl-aħħar ta' l-ewwel sena skond il-kalendarju tal-Kors, u għandu jikkonsisti f'karta waħda sinottika.

(3) Il-kandidati li kisbu n-numru minimu ta' kredti fit-Tieni Parti kif preskritt fir-regolament 5 għandhom jagħmlu Eżami Finali li għandu jsir fl-aħħar tat-Tieni Parti tal-Kors, u għandu jikkonsisti f'żewġ karti sinottiċi.

(4) Il-karti ta' l-Eżami fiż-żewġ Partijiet għandhom jiġu mmarkati bl-istess mod bħal kredti.

(5) Il-kandidati li jeħlu fl-Eżami għall-Ewwel Parti jew fl-Eżami Finali jkunu jistgħu jagħmlu riparatorju darba fi żmien tnax-il xahar mit-tmiem ta' kull parti rilevanti tal-Kors. F'dawn il-każijiet, l-oghla grad li jista' jingħata għandu jkun il-grad minimu ta' min għadda.

Riżultati finali

8. (1) Ir-riżultati finali ta' kandidat jieħdu f'konsiderazzjoni l-għemil tal-kandidat fil-komponimenti kollha tal-Kors.

(2) Fir-riżultati finali l-ismijiet tal-Kandidati li jikkwalifikaw għad-Diploma għandhom jiġu ppubblikati f'ordni alfabetika.